**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar Tlieta 6 ta' Mejju 2025**

**Rikors guramentat nru : 250/2024 AGV ;**

**CVM**

**MM**

**Vs**

**SM**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir- Rikors Guramentat ta'  CV  M   u   MM i

Jesponu bir-rispett u bil-gurament ta'  CVM   li tikkonferma:

1. Illi r-rikorrenti  CVM   kienet izzewwget lill-intimat  SM  nhar il-25 ta' Mejju 1997 u minn dan iz-zwieg twieldet ir-rikorrenti   MM   li twieldet nhar it-28 ta' Marzu 2006 waqt li l-partijiet kienu de  facto separati;

2. Illi minkejja li MM    twieldet fiz-zwieg hija m`hijex bint naturali tal-intimat kif jidher fl-Att tat-Twelied Numru 1074/2006  liema certifikat tat-twelid qieghed jigi hawn anness u mmarkat DOK A;

3. Illi tant hu hekk li fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-kontedenti CVM    u   SM    datat 8 ta' Gunju 2021 pubblikat fl-atti tan-nutar Vanessa Pool gie dikjarat bejn l-istess kontedenti  li Mariah Magri mhix wild naturali tal-intimat;

4. Illi r-rikorrenti jafu b`dawn il-fatti personalment

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija r-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija M M ma hiex it-tifla naturali tal-konvenut SM b`mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija M M f`dan is-sens;

2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-Twelid 1074/2006 billi jigu kancellati minn fejn jinsab mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati tal-intimat S M l-istess jigu sostitwiti bil-kliem Missier mhux maghruf (Father Unknown)

U dan taht dawk il-provvedimenti u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

**Rat ir-RISPOSTA GURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU**

1. illi preliminjarjament jigi rilevat li l-esponent Direttur tar-Registru Pubbliku m`huwiex edott mill-fatti kif jiddikjarati mill-atturi fir-rikors promutur taghhom

2. illi skond l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **1074/2006,** l-attrici **M M** twieldet gewwa Malta nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Marzu 2006, **lil SM u CVM wife of the said SM from whom she is legally separated as per deed in the records of Notary Dr Vanessa Pool the 6th March 2006**, u dan anke skond ma gie ddikjarat mill-omm u cioe' l-Attrici CVM d-dikjarazzjoni tat-twelid u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li sar xi zball mid-direttur tar-registru Pubbliku meta gie registrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

3. illi l-atturi konguntament qeghdin jishqu illi l-**Attrici MM** m`hijiex il-wild naturali tal-intimat SM ;

4. illi in kwantu ghat-talbiet maghmula mill-attrici, l-esponent Direttur qieghed jirrimetti ruhu salv dan li gej;

5. illi r-rigward tal-ewwel talba din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun sodisfatta illi l-intimat **SM** verament mhux missier naturali u bojologiku ta' **M M** u dan anke tramite testijiet u verifiki genetici nkluz dawk tad-DNA, li fl-eventwalita 'li jsehhu ghandhom jigu mahlufa mill-espert li jkun wettaqhom;

6. illi fir-rigward tat-tieni talba l-esponent Direttur jirrileva illi l-konnotati kollha jaghmlu riferenza ghal-intimat SM bhala l-missier ghandhom jitnehhew ukoll il-kliem the said mid-dettalji tal-omm fl-Att tat-Twelid surreferiti;

7. illi di piu, kemm il -darba din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet maghmulha mill-atturi l-esponenti jirrileva li l-partijiet ghandhom jaqblu bejnithom **dwar il-kunjom li ghandha tassumi jew izzomm**

**MM .** Fl-eventwali li jkun hemm tibdil fil-kunjom dawn ikun rifless fuq l-Att tat-Twelid rispettiv permezz ta’ annotazzjonijiet;

8. illi f`kaz li jigi ordnat it-tibdil fil-kunjom ta’ **MM** ghandu jigi specifikat b`mod preciz fuq liema Att ta’ Stat Civili taghha ghandu jsir tali tibdil billi jigi specifikat in-numru progressiv u s-sena relattiva ta’ kull Att ta’ Stat Civili;

9. illi l-espoent jirrileva li huwa m’ ghandux jsofri ebda spejjez kemm ta’ dawn il-proceduri kif ukoll ta’ spejjez relatati ma’ testijiet xjentifici eventwali li din l-Onorabbli Qorti joghgogbha tordna stante illi kjarament ma jirrizulta ebda nuqqas di parti tal-esponent Direttur;

10. salv eccezzjonjiet ulterjuri skont il-ligi;

**Spejjez kontra l-atturi li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRTAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-attrici CVM kienet mizzewga lill-konvenut SM , u waqt iz-zwieg twieldet l-attrici

MM illum maggorenni. Jidher, izda, li l-konvenut mhuwiex il-missier naturali tat-tifla, u ghalhekk l-omm u t-tifla ressqu dawn il-proceduri, sabiex l-istat tat-tifla u c-certifikat tat-twelid taghha jigu korretti u jirreflettu l-verita'.

Illi mill-provi prodotti, jirrisulta ampjament ippruvat li l-attrici MM mhijiex il-wild naturali tal-konvenut SM . Dan il-fatt irrisulta mit-testijiet komparattivi tad-DNA illi saru bejn l-istess attrici u l-konvenut, liema risultat jinsab esebit a fol 25 tal-process u datat 11 ta' Frar 2025.

Inoltre, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2025, SM kien deher fis-seduta u iddikjara li qed jaqbel mat-talbiet attrici. Dan jkompli jsahhah it-tazi tal-atturi li, ghalkemm MM kienet twieldet fiz-zwieg bejn l-attrici CVM u l-istess konvenut M , huma kienu jafu li M mijiex il-wild naturali tal-konvenut.

Dan il-fatt huwa ukoll iddikjarat fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, datat 18 ta' Gunju 2021. Dan jfisser, ghalhekk, li l-provi kollha prodotti huma ikkorroborati, u l-Qorti m'ghandha ebda dubju li MM mhijiex il-wild tal-konvenut SM . Illi tenut kont ta' dawn il-fatti, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

L-effett ewlieni tal-kawza ser jkun li c-certifikat tat-twelid indikat ser jinbidel u ser jitnehha isem SM minn fuqu u minflok jidhlu l-kliem "missier mhux maghruf", biex dan jirrifletti l-istat ta' fatt kif espost f'din il-kawza. L-attrici MM fl-affidavit taghha indikat illi ser tiehu kunjom ommha b'din il-bidla fic-certifikat tat-twelid taghha. Madankollu, il-Qorti m'ghandhiex talba *ad hoc* fir-rikors guramentat promotur, u ghalhekk dik il-bidla jkollha ssir fi stadju ulterjuri quddiem l-awtoritajiet kompetenti.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBIET ATTRICI.

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija MM ma hiex it-tifla naturali tal-konvenut S M b`mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija MM f`dan is-sens;

2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-Twelid 1074/2006 billi jigu kancellati minn fejn jinsab mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati tal-intimat SM u l-istess jigu sostitwiti bil-kliem Missier mhux maghruf (Father Unknown)

Minhabba n-natura straordinarja tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jiġu sopportati mill-attrici CVM

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci – DEP REG**